
MONS SION
IN JE RUSAL



Il-Qabar
Imsemmi ta' Ab-Salom
Fil-Wied ta' Kedron
Li wisq drabi
Għadda minn ma' ġenbu
u ħares lejh
Sidna Ġesù Kristu.

Ir-Raba' Sena | OTTUBRU - DIĊEMBRU, 1958 | Għadd 4

*"Super Muros Tuos Jerusalem, Constitui Custodes"*

# LEHEN
# L-ART IMQADDSA

QARI
LI JOĦROĠ KULL TLIET XHUR
MILL-KUMMISSARJAT TAL-QABAR TA' KRISTU
F'MALTA

Mitbugħ fl-Empire Press, 266, Triq San Pawl, Il-Belt.

# LEHEN L-ART IMQADDSA

QARI

MAĦRUĠ MILL-KUMMISSARJAT TAL-QABAR TA' KRISTU F'MALTA

Ir-Raba' Sena — OTTUBRU - DIĊEMBRU, 1958 — Għadd 4


## X'FIH DAN IL-GĦADD


Dak li rebaħ l-Art Imqaddsa (Id-Direzzjoni) ... ... ... ... ... 97

L-EWWEL TAQSIMA — DAWL

Għaliex il-Kotba Mqaddsa jissejħu spirati minn Alla (P. Serafin M. Zarb, O.P.) 98

L-Art Imqaddsa u s-Santwarji tagħha (Prof. D. Anton Tabone) ... ... 101

Biċċa "Art Imqaddsa" f'Malta (Ben Jeħuża) ... ... ... ... ... ... 103

Il-Bażilka tal-Qabar ta' Kristu (Fra Elija, O.F.M.) ... ... ... ... ... 108

IT-TIENI TAQSIMA — IMĦABBA

Il-Parabbli tal-Evanġelju (P. P. Saydon) ... ... ... ... ... ... 110

Is-Sinagoga ta' Kafar-Naħum (Elsie) ... ... ... ... ... ... ... 112

L-Evanġelju ta' San Mattew (D. Fortunat Mizzi) ... ... ... ... ... 115

Għid il Milied fil-Għar ta' Betlehem (P. Gwidu Schembri, O.F.M.) ... ... 117

It-Tempju ta' Ġerusalem (Ximon Bar-Josef) ... ... ... ... ... ... 121

Qaddis tal-Misilmin (P. Ubertinu Berti, O.F.M.) ... ... ... ... ... 123

Il-Ġublew tal-Fidda (Frater Minor) ... ... ... ... ... ... ... 125

Aħbarijiet ta' l-Art Imqaddsa ... ... ... ... ... ... ... ... 128



Direzzjoni: W. R. P. Nikola Magro, O.F.M., Kummissarju tat-Terra Santa.
Amministrazzjoni: R. P. Valentin Cardona, O.F.M., Viċi Kummissarju.
Kummisserija tat-Terra Santa, Kunvent ta' Ġieżu, Il-Belt.

# DAK LI REBAĦ L-ART IMQADDSA

*L-egħżeż tifkiriet, li jfakkru u jidhru, ta' Sidna Ġesù Kristu, huma l-Imkejjen Imqaddsa tal-Palestina. Ġesù miet, qam u tala' s-sema, għal hekk min imur il-Palestina issa ma jistax jarah; jista' biss jara l-imkejjen fejn għadda ħajtu: Betlehem, fejn twieled, Nazaret fejn trabba, u Ġerusalem, fejn miet fuq is-salib.*

*Għal dan il-Palestina kienet minn dejjem u għadha issa l-art l-aktar għażiża għall-Insara. Fiha, sa żmien Kostantinu, Insara kien hemm ftit. Iżda wara li Santa Liena marret hija nfisha u bniet Bażilki fuq l-Imkejjen Imqaddsa, il-Palestina żegħdet bl-Insara, u knejjes u raħbijiet, fil-bliet u fix-xoni, inbnew bil-mijiet. Imma xi tliet mitt sena wara wieħed Għarbi mill-Mekka jismu Muħammed beda djiena ġdida: id-djiena tal-Misilmin. Il-Għarab għall-ewwel ħaqruh imma wara nġabru miegħu u bdew jaħbtu għan-nies ta' ma' dwarhom u jirbħuhom. Imbagħad wieħed fosthom, Ħalif Għomar, ħabat għall-Palestina, rebaħha u ħadha minn idejn l-Insara. Hekk il-Palestina sefgħet taħt idejn il-Misilmin.*

*Sa kemm il-ħakkiema Misilmin ġiebu ruħhom tajjeb, ħadd ma ċċaqlaq; imma meta bdew jaħqru lill-Insara u jwaqqgħulhom il-knejjes tagħhom, qamu għalihom l-Ewropin. Inġabru bl-eluf kbar; irmaw rwieħhom kemm felħu u telqu għalanija biex jifdu lil Ġerusalem. Waslu l-Palestina u l-Belt Imqaddsa ħaduha, imma anqas minn mitt sena wara tilfuha mill-ġdid. Bosta drabi riedu jerġgħu jirbħuha, imma kien kollu mitluf. L-Art Imqaddsa baqgħet taħt idejn il-Misilmin. Imbagħad, wara li dawk l-eluf kollha, bl-armi kollha li kellhom lill-Palestina ma setgħux jirbħuha, inqala' żagħżugħ fqir u mkerċaħ, bil-ġugħ u bla dar, u l-Art Imqaddsa rebaħha. Rebaħha mhux bil-qawwa tas-sejf, imma bil-ħniena ta' qalbu u bil-ħlewwa ta' kliemu. Dana kien San Franġisk.*

*Telaq mill-Italja qisu bil-moħbi, jorqod f'xi rokna u jittallab xi biċċa ħobż. Liebes ċoqqa mraqqgħa, u mħażżem b'biċċa ħabla. Wasal l-Eġittu u talab li jkellem lis-Sultan. Is-Sultan, biċ-ċajt jew bis-sod ħallieh ikellmu; San Franġisk għaraf jinqeda b'dik il-ħajta dawl li jibqa' dejjem fl-imħuħ mudlama; qanqal il-ħniena f'qalb is-Sultan li ħallieh jidħol Ġerusalem u hemm ħawwel l-ewwel xitla mill-ġnien tal-Ordni tiegħu, jiġifieri rawwam il-Patrijiet.*

*U l-Franġiskani, wara aktar minn seba' mitt sena għadhom hemm, għassiesa bla serħ tal-Imkejjen Imqaddsa. La ġugħ, la għatx; la tgħajjir, la swat; la ħabs, la mewt; xejn ma jista' għalihom. Kollox jgħaddi bla ma jiksirhom, bħal ma jgħaddi l-mewġ f'taqliba minn fuq blata f'nofs ta' baħar. Is-sedqa ta' missierhom wirtuha huma. Fejn jaqbdu, ma jitilqux.*

*Min rebaħha, mela, l-Art Imqaddsa? Il-gwerrieri tal-Ewropa? Le, għax ir-rebħa tagħhom kienet rebħa qasira. Rebaħha u għadu jaħkimha, dak il-fqir, dak l-imċerċer, dak li kien donnu iblaħ, imma kellu qalb kbira u ħanina: Rebaħha San Franġisk.*

Id-Direzzjoni.